# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2024**

**Numru 3**

**Rikors numru 306/2018/2 LM**

**Bank of Valletta p.l.c. [C 2833]**

**v.**

**Renald Camilleri**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mir-rikorrent minn sentenza ta' nhar l-1 ta' Novembru 2019 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u permezz ta' liema ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent u laqgħet l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f).

**Daħla**

2. Il-Bank rikorrent, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fl-4 ta' Novembru 2018, ippremetta illi kien ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenut u li l-Bank huwa kreditur tal-konvenut Camilleri fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf u tmienja u erbgħin ewro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16) li jirrapreżenta self u imgħaxijiet dovuti oltre imgħax ulterjuri mis-16 ta' Marzu 2018. Jisħaq illi l-konvenut naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank rikorrent, kien inadempjenti fl-obbligi tiegħu u seħħu bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Renald Camilleri li jipperikolaw il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu. Jgħid li l-konvenut ġie interpellat b'ittra uffiċjali datata t-18 ta' Jannar 2010. Jitlob illi:

> *1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew iżjed mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bħala Dok. 'A'), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Renald Camilleri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Renald Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*
>
> *2. Tikkundanna lil Renald Camilleri jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, u tmienja u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16), bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Renald Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B'), flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-16 ta' Marzu 2018 sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Jannar 2010 kontra l-konvenut u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

3. Il-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

> *1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament in-notifika tal-atti ta' din il-kawża mhijiex valida stante li saret fid-dar tal-ġenituri tal-konvenut, li ma jirrisjedix hemm u ilu jgħix fl-esteru diversi snin;*
>
> *2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut jeċċepixxi bir-rispett illi t-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi mhumiex dovuti u hu m'għandu xejn x'jagħtihom;*
>
> *4. Illi dawn il-fatti Anton Camilleri noe sar jafhom wara li ddiskutihom mal-konvenut ibnu Renald Camilleri li mhuwiex residenti Malta;*
>
> *5. B'riserva ta' difiża ulterjuri. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-konvenut jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tiddikjara li l-konvenut m'għandux xejn x'iħallas lill-atturi, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

4. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

> *1. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut li t-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;*
>
> *2. Tiċħad it-talbiet tal-bank attur.*

5. L-Ewwel Qorti waslet għad-*decide* abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *Il-konvenut jinsisti li fl-affidavit tiegħu huwa ħa l-ġurament deċiżorju ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, u li huwa bil-ġurament tiegħu insista li mhuwiex debitur tal-bank attur. Iżda l-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, il-bank attur ma ddiferixxa l-ebda ġurament bħal dan lill-konvenut, u għalhekk ma jistax jiġi preżunt li dak li xehed dwaru l-konvenut fl-affidavit tiegħu għandu jitqies daqslikieku hu ntalab jieħu ġurament ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili u wieġeb għad-domandi ristrettissimi li l-kreditur jista' jistaqsi meta jagħżel li jirrimetti ruħu għal dak li se jixhed id-debitur meta jitolbu jieħu l-ġurament deċiżorju. Dwar il-mod kif għandu jiġi diferit il-ġurament deċiżorju u f'liema stadju tal-kawża dan għandu jingħata, il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom kemm-il darba. F'deċiżjoni fl-ismijiet R. Bajada Enterprises Ltd. vs. Kummissarju tal-Artijiet, intqal:*

> *"Il-guramento decisorio, trattat taħt l-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iġorr miegħu konsegwenzi legali ben speċifiċi fl-eventwalità li r-risposta tad-debitur għad-domanda posta mill-kreditur ai termini tal-imsemmi artikolu tal-liġi tkun li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. In effetti f'tali ċirkostanzi l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tiċħad it-talba tal-kreditur għall-ħlas."*

*F'deċiżjoni fl-ismijiet Aquilina Francis Xavier sive Mose vs Aquilina Emanuel J. noe , il-Qorti qalet:*

> *"L-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar il-ġurament deċiżorju dejjem kien interpretat b'mod illi min jeċċepixxi l-preskrizzjoni jeħtieġlu jixhed viva voce dwar il-kweżit hemm imniżżel, u ċioe li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa hix imħallsa. Anke jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tkun ġuramentata meta hekk ippreżentata, dment illi ma ssirx il-prova skont l-artikolu 2160 il-Qorti xorta ma tistax tiddeċiedi favur l-eċċipjent għaliex jitqies li ma tkunx inġiebet prova dwar dik l-eċċezzjoni."*

*Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs. HSBC Bank Malta p.l.c., il-Qorti għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati tagħna tul is-snin dwar din il-kwistjoni:*

> *"Imiss lill-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni tiġi eċċepita li tiddiferixxi l-ġurament lill-eċċipjent. Jekk hi ma tiddeferixxix il-ġurament il-Qorti ma tistax tordnah ex officio. (Diego Attard et noe vs Angelo Fenech. App. Kummerċjali. 15.02.1965);*
>
> *Bħala regola ġenerali d-dilazzjoni ta' dan il-ġurament, minħabba n-natura tiegħu, għandha ssir wara li jkunu ġew magħrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni, jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun ġiet eċċepita, u mhux qabel." (Inġinier Francesco M. Caruana vs Konti Francesco Sant Cassia et noe, App. Ċiv. 11.10.1940);*
>
> *Jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjeni bħala ammissibbli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħu fil-kuxjenza tad-debitur." (Vincenzo Vella vs Carmela armla Sciberras – Qorti Ċivili P.A., 16.01.1963; Salvatore Jacono vs Vincenza vedova Serra – Appell Ċivili, 04.02.1927)."*

***Fil-każ odjern, kien il-bank attur li kellu jilqa' għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut billi jagħtih l-ġurament deċiżorju ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, xi ħaġa li ma saritx, jew inkella l-bank attur bħala kreditur kellu mezzi oħra biex jiddefendi ruħu mill-eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri l-prova tar-rinunzja jew l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni**. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ ma nġabet l-ebda prova, la min-naħa tal-attur*

*u lanqas min-naħa tal-konvenut, li l-preskrizzjoni ġiet interrotta, u għajr għall-ittra uffiċjali waħda li ntbagħtet f'Jannar tas-sena 2010, ma kien hemm l-ebda att ġudizzjarju ieħor da parti tal-bank attur fil-konfront tal-konvenut. Id-dokumenti esebiti mill-bank attur li jelenkaw dettaljatament il-korrispondenza li kien hemm bejn il-bank u l-konvenut, kollha jirreferu għar-relazzjonijiet bejn il-partijiet qabel intbagħtet l-ittra uffiċjali, u minkejja li x-xhud Marisa Debono wegħdet lill-Qorti li kienet ser tippreżenta rapport sħiħ dwar il-korrispondenza kollha li rappreżentanti tal-bank kellhom mal-konvenut, din il-prova baqgħet ma tressqitx. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova oħra quddiema, għajr għal dak li xehdu uffiċjali tal-bank li qalu li għamlu tentattivi varji biex jikkomunikaw mal-konvenut, iżda ma setgħux isibuh, li permezz tagħha jista' jkollha l-konfort meħtieġ li l-preskrizzjoni kwinkennali f'dan il-każ ġiet interrotta bil-mod preskritt mil-liġi, jiġifieri bil-preżentata ta' att ġudizzjarju. Lanqas mhu skużanti dak li ntqal li l-bank attur li ma kienx jaf l-indirizz tal-konvenut jew b'liema mod seta' jikkomunika miegħu, għax meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, il-bank kien jaf fejn kellu jinnotifika dawn l-atti. Ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn għal perijodu ta' tmien snin sħaħ, il-bank attur ma għamel xejn u ma bagħat l-ebda ittra uffiċjali biex jinterrompi kwalsiasi perijodu preskrittiv li beda jiddekorri, partikolarment f'ċirkostanzi li jissuġġerixxu li l-konvenut kien diġà defaulter drabi oħra, fejn allura li l-movimenti kollha tal-konvenut kellhom ikunu segwiti aktar mill-viċin u mmonitorjati b'aktar regolarità mill-bank attur.*

*Tul dawn il-proċeduri, u b'mod partikolari fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minnu, il-bank attur ħa l-pożizzjoni li ladarba l-konvenut ammetta li kien hemm self bankarju meta qal li dan kien tħallas kollu, u meta qal li kien hemm self bankarju li ttieħed biex jinxtara żiemel, u li dan is-self kompla jitħallas minn terza persuna li m'għandha x'taqsam xejn ma' dawn il-proċeduri, kien hemm rinunzja taċita da parti tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula illi:*

> *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni tkun bdiet miexja."*

*Għall-bank attur, il-fatt li l-konvenut qal li huwa m'għandu jagħti xejn lill-bank, u li kwalsiasi self li kien hemm għaxar snin qabel infetħu dawn il-proċeduri, kien tħallas kollu, jammonta għal rinunzja taċita tal-preskrizzjoni. Il-Qorti tirrileva li l-pożizzjoni tal-konvenut f'dawn il-proċeduri dejjem kienet waħda konsistenti, fis-sens li huwa dejjem ċaħad li għandu jagħti xi ħaġa. Il-Qrati tagħna tul is-snin taw diversi sentenzi fejn ġew stabbiti l-elementi li jwasslu għal rinunzja taċita tal-preskrizzjoni. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs. Joseph Quattromani, il-Qorti qalet illi:*

> *"L-Artikolu 2109(1) tal-Kapitolu 16 testwalment jipprovdi illi "r-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita". Fil-każ ta' rinunzja espressa din trid tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi, u fil-każ ta' rinunzja taċita għandha tiġi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tiġi deżunta ma tkunx tista' tiġbed*

> *konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja (Art. 2109(2). Michele Tabone et vs Emmanuele Sammut noe, Prim Awla 10.10.1950; Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe, App. Ċiv. 18.03.1977). Hija dottrina komunement aċċettata illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volontà inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika għall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japprofitta ruħu mill-preskrizzjoni kompjuta. Kif drabi oħra ntqal, "l'esame della natura dell'atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia è rimesso dell'apprezzamento dei tribunali, in quali devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l'atto fu eseguito e che possono talora spiegare la sua efficacia (Kollezz. Vol. XXVIII.ii. p. 112)."*

*F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet Perit Joseph Barbara et vs. Segretarju tal-War Damage Commission, intqal illi:*

> *"In kwantu għar-rinunzja tal-preskrizzjoni ġia kompita, ġie osservat li min jaċċetta li jħallas parti minn somma reklamata kontra tiegħu, wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni favur tiegħu, jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni ġia akkwistata. Biex l-attijiet tad-debitur jiġu interpretati bħala rikonoxximent jeħtieġ li jkunu univoċi. Sempliċi kollokwiji bejn kreditur u debitur ma jammontawx għal rikonoxximent tad-dejn. Ir-rikonoxximent, da parti tad-debitur, li jinterrompi l-preskrizzjoni jrid jirriżulta minn provi ċari u univoċi u li manifestement ikunu inkompatibbli mal-volontà tal-preskriventi li jikkontesta l-eżistenza u l-eżerċizzju tad-dritt. ... Ir-rinunzja leċita għall-perijodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni trid tirriżulta minn fatt li jippresupponi l-abbandun tad-dritt akkwistat. Il-volontà taċita għandha tkun ċerta daqs dik espressa, u għalhekk ir-rinunzja trid tkun tali li ma tħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni li jiġi abbandunat id-dritt akkwistat permezz tal-preskrizzjoni. Fi kliem ieħor ir-rinunzja għall-preskrizzjoni trid tkun riżultat ta' attijiet jew fatti li ma jistgħux jitfissru jew jittieħdu b'ħaġa oħra ħlief bħala rinunzja jew ammissjoni. Fil- każ ta' dubbju l-apprezzament għandu jwassal għal konvinċiment kontra r-rinunzja u mhux favur."*

*Il-Qorti tqis li f'dan il-każ mill-provi ma jirriżultax li l-konvenut b'xi mod irrinunzja għall-preskrizzjoni jew ammetta li hemm xi debiti dovuti minnu. Għall-kuntrarju, il-pożizzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri kienet li huwa m'għandu jagħti xejn lill-bank attur, mhux biss għaliex is-self ikkontrattat kien tħallas, iżda wkoll in vista tal-mogħdija ta' żmien li matulu l-bank attur m'għamel xejn biex jinterpella lill-konvenut jersaq għall-ħlas ta' dak li l-bank jgħid li huwa dovut lilu. Il-Qorti tirrileva li kuntrarjament għal sitwazzjonijiet fejn l-allegat debitur jikkontesta l-quantum tad-debitu dovut minnu, f'dan il-każ l-allegat debitur qiegħed jikkontesta l-eżistenza tad-dejn, anzi qiegħed jinsisti li kwalsiasi dejn li kien ġie ikkontrattat, ilu li tħallas. Huwa minnu li prova ta' dan ma nġabitx mill-konvenut, iżda l-Qorti tqis li quddiem il-prova li l-bank attur ħalla tmien snin jgħaddu qabel ma ppreżenta xi att ġudizzjarju li bih ittenta jiġbor dak allegatament dovut lilu, tqis li l-azzjoni tal-bank attur hija preskritta. Il-pożizzjoni tal-konvenut fil-kawża hija ċara, u mill-mod kif laqa' għat-talbiet tal-bank attur u minn dak li xehed fil-kawża, il-Qorti ma tistax loġikament tasal għall-konklużjoni li l-konvenut irrinunzja b'xi mod għat-terminu preskrittiv li ddekorra favur tiegħu.*

6. Il-Bank rikorrent (minn issa l’quddiem l-appellant) ressaq appell imsejjes fuq seba' punti, dwar liema l-konvenut ressaq risposta.

**Fatti**

7. Permezz ta’ *sanction letter* datata s-7 ta’ Ottubru 2008 il-Bank appellant informa lill-konvenut li kien qed: “*We are pleased to advise that the Bank has agreed to grant the following subject to the terms and conditions set out below….To refinance all existing liabilities on loan account numbers…”.*[1] u dan sabiex kwalunkwe pendenzi jinġabru f’kont wieħed. Marisa Debono, *Relationship Manager* mal-*Bank of Valletta Debt Management Department,* xehdet illi l-ammonti pendenti kienu ġew miġbura f’kont wieħed[2]. F’dokument datat April 2009 jingħad illi kien il-konvenut illi talab illi l-ammonti dovuti jiġu amalgamati f’kont wieħed[3].

8. L-ammont kien ta’ tletin elf u ħamsin ewro (€30,050) u l-konvenut kellu jħallas ukoll sitt elef seba’ mija u tliet ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€6703.48). Il-konvenut kellu jħallas pagamenti ta’ sitt mija u tmenin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu fix-xahar (€680. 62) sabiex iħallas id-dejn li kellu. Din l-ittra ġiet iffirmata mill-konvenut u minn ċertu Simon Pantalleresco, rappreżentant tal-Bank u inizjalata minn Simon

[1] *Fol. 4 et. seq.*
[2] *Fol 30 et. seq.*
[3] *Fol.36*

Pantalleresco.

9. Skont elenku preżentat mill-Bank kien hemm problema bil-pagamenti u l-konvenut ma kienx qed jirritorna lura telefonati mill-Bank[4]. Intbagħtet ittra uffiċjali preżentata nhar it-18 ta' Jannar 2010[5]. Illi permezz ta' din l-ittra ġie mitlub l-ammont ta' tlieta u tletin elf, mija u sitta u tmenin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€33,186.41) oltre imgħax ulterjuri mit-22 ta' Diċembru tas-sena 2009. L-ammont ġie dovut wara li l-Bank rikorrent jgħid illi l-konvenut kellu *outstanding balances* ta' tliet *loans* li kienu jinkludi self għall-vettura, self għall-żiemel u *budget account* u *credit card loans.*[6]

10. Skont ix-xhieda ta' omm il-konvenut, Doris Camilleri, hu telaq minn Malta sabiex jaħdem barra bejn seba' jew tmien snin qabel ma tressqet l-azzjoni odjerna[7].

11. Il-Bank appellant jallega illi l-konvenut huwa debitur tiegħu u dan wara li naqas milli jħallas self u interessi fuq dak l-istess self. Il-konvenut jallega li huwa mhuwiex debitur, li l-ammont tħallas u li l-Bank qatt ma reġa' kkomunika miegħu qabel ma tressqet l-azzjoni odjerna.

12. Fir-rigward tas-self li ttieħed sabiex jinxtara ż-żiemel xehdet Sarah

[4] *Fol.37 u 38*
[5] *Fol 11*
[6] *Fol 30 et. seq.*
[7] *Fol 47 et seq.*

Aquilina Clews (illum Busuttil Naudi) fejn saħqet illi kienet ħadet self ta' tlett elef Maltin sabiex tixtri żiemel, però tixhed ukoll li jista' jkun li s-self kien ħadu l-konvenut u wara l-ammont għadda fuqha. Iż-żiemel baqa' ta' Aquilina Clews[8]. Ma tressqet l-ebda dokumentazzjoni oħra minn-naħa ta' Aqulina Clews rigward iż-żiemel.

13. Intbagħtet ittra datata t-28 ta' Lulju 2011 mill-Bank rikorrent lill-konvenut fejn ġie infurmat illi kienu nbiddlu numri tal-kontijiet tal-konvenut[9].

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. L-appellant jilmenta illi:

*1. Illi fl-azzjoni odjerna l-intimat eċċepixxa l-preskrizzjoni kwinennali ai termini tal-artikolu 2156(f). Illi hawnhekk is-soċjeta' esponenti tagħmel referenza għall-kwistjoni tal-ġuramento decisorio. Għalhekk is-soċjeta' appellant tagħmel referenza għall-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid is-segwenti:*

> *"2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.' [Enfasi miżjuda]*

*Illi għalhekk skont l-artikolu hawn fuq ċitat, għandu jkun l-intimat li qed jeċċċepixxi l-preskrizzjoni li minn jeddu jieħu l-ġuramento deċisorio u jiddikjara illi huwa mhuwiex debitur tas-soċjeta' appellanti. Għal xi raġuni, l-Ewwel Onorabbli Qorti fil- konsiderazzjonijiet tagħha, affermat illi kellha tkun is-soċjeta' esponenti illi tella' lill-intimat jixhed u jieħu dan il-ġurament hekk imsejjaħ ġurament decisorio. Illi fil-fatt l-Onorabbli Qorti ta' Prim'Istanza għaddiet biex tiċċita diversi sentenzi li jgħidu dan, sentenzi li, jiġi umilment sottomess huma illum il-ġurnata ma għadomx applikabbli stante illi l-artikolu 2160 ġie emendat fis-sena 2017. Din l-emenda spostat l-obbligu li l-intimat eċċipjenti jittella' jixhed biex jieħu l-*

[8] *Fol.91 et seq.*
[9] *Fol.41*

*ġurament deċisorio minn fuq is-soċjeta' rikorenti għal fuq l-intimat stes li jkun qed jeċepixxi l-preskrizzjoni.*

*Għalhekk, u dan dejjem fl-umili sottomissjoni tas-soċjeta' esponenti, skont il-liġi kif kodifikata illum fil-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kellu jkun l-intimat illi minn jeddu jieħu l-ġurament decisorio u jikkonferma bil-ġurament illi huwa mhuwiex debitur skont kif jitlob l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Illi għalhekk kuntrarjament għal dak konsiderat mill-Onorabbli Qorti ta' Prim' Istanza s-soċjeta' esponenti ma naqqset minn ebda obbligu meta hija ma tellatx lill-intimat appellat Renald Camilleri jixhed biex jieħu tali ġurament*

*Illi fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet,* **'P&S Limited et vs. Noel Zammit et'**, *Rikors Ġuramentat numru 279/2017 TA, deċiża fis-16 ta' Frar, 2018, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili stqarret is-segwenti:*

> *12. Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda -artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-frs baga' decizorju. Jista'jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra insostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*
>
> *13. Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fl-kawza, is-sinwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fl-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda ativa bil- ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum f-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil- proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fl- proviso, id-debitur irid jaghti rragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifka ma hiex mehtiega, anke, kif ser jingħad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.'*

15. Il-konvenut appellat wieġeb billi saħaq illi huwa ssodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 billi permezz tal-affidavit xehed b'mod ċar illi l-bank ma huwa dovut xejn u li dejjem kien kategoriku fl-asserzjoni tiegħu illi ma għandu jagħti xejn lill-Bank.

16. **Din il-Qorti ser tibda billi tqis illi mhux kontestat illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili: fuq**

**kollox wara l-ittra uffiċjali datata t-18 ta' Jannar 2010[10], ma tressqet l-ebda prova ta' xi ittra uffiċjali oħra li setgħet intbagħtet qabel il-kawza. Madankollu l-istess Kodiċi jirrikjedi li meta tiġi mressqa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156(f), l-eċċepjent irid jiddikjara minn jeddu li huwa mhux debitur jew ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Konsegwentement, f'dal-każ l-appellant huwa korrett meta jargumenta illi l-artikolu 2160(1) hekk kif emendat bl-Att VIII tal-2017 ma jipprovdix illi għandu jkun il-kreditur li jagħti l-ġurament deċiżorju. In fatti l-artikolu 2160 (1) huwa pjuttost ċar u jgħid:**

> *2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett* ***jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom*** *waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. (**emfażi miżjuda)***

17. **Konsegwentement il-Qorti taqbel mal-appellant li l-artikolu 2160 ma jipprovdix illi l-kreditur għandu jagħti l-ġurament hu lill-konvenut.**

18. Il-bank ikompli jilmenta, illi:

> *2. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjeta' esponenti appellant umilment tissottometti illi l-intimati appellat Renald Camilleri fil-fatt ha dan il-ġurament meta fl-affidavit tiegħu tas-27 ta' Gunju, 2018 huwa ddikjara illi, '3. Fuq il-kawza Ghandi nghid li l-ammonti mitluba mill-bank mhumiex dovuti u jien mghandi xejn x'naghtihom u li mhiniex debitur taghhom; 4. Dan nghidu kemm a tenur ta' dak li jitlob l-artikolu 2160 tal-Kodiči Civili izda anki billi huwa fatt li jien mghandi xejn x'naghtihom;'*

[10] *Fol. 11*

*Illi fil-fatt, ma hijiex kontenzjoni min-naha tas-soċjeta' esponenti illi l-intimat ma ħax dan il-ġurament. Fil-fatt tali kwistjoni lanqas biss tissemma fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mis-soċjeta' esponenti fit-13 ta' Ġunju, 2019.*

*Dak li pero' jissemma u li hija l-pern ta'aggravju prinċipali tas-soċjeta' esponenti huwa l-fatt illi minkejja l-fatt illi l-intimat appellat ħa dan il-ġurament, huwa rrinunzja għall-preskrizzjoni minnu eċċepita minħabba l-inkompatibilita` tal-verżjonijiet u fatti minnu mressqa.*

*Illi pero` hawnhekk jingħad ukoll illi meta jingħata l-guramento decisorio dan irid ikun konfromi mal-formula li titlob il-liġi fl-artikolu 2160. Illi fis-sentenza pre-ċitata fl-ismijiet, 'P&S Limited et vs. Noel Zammit et', l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili affermat is-segwenti:*

> *19. Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiched u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredient l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*
>
> *20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (1) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il- kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*
>
> *21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, l-anqas in kontro ezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward gie affermat fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Tabib Principal tal-Gvern -vs- Georgina Muscat tat-8 ta' Marzu 1978:*
>
> *"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili".*

19. **L-argument tal-appellant huwa illi d-dikjarazzjoni mogħtija mill-konvenut, illi l-ammont mhux dovut, ai termini tal-artikolu 2160, waslet**

**għar-rinunzja tal-preskrizzjoni. L-appellant ikompli billi jargumenta:**

> *3. Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, li kieku l-intimat appellat ħa l-ġurament, u ma ressaq ebda sottomissjoni oħra, huwa kien ikun qed jottempera ruħhu ma dak li jitlob l-artik olu 2160. Pero' l-intimat appellat għażel li jamplifika fuq l-ġurament minnu meħud u jiddikjara illi huwa mhuwiex debitur peress illi l-loans li kellu għaddew fuq ħaddiehor u anke billi iddikjara illi huwa ġia' ħallas id-djun tiegħu mas-soċjeta' appellanti.*
>
> *Illi l-ġurisprudenza nostrana tgħallem illi l-ġurament li jitlob il-liġi fl-artikolu 2160 ma jistgħax ikun kondizzjonat sabiex ikun validu. Illi fis-sentenza fl-ismijiet, 'Direttur tar-Registru Pubbliku vs. HSBC Bank Malta p.l.c.', Rikors Guramentat numru 1192/2012 JZM, deċiża fis-27 ta' Settembru, 2019, Din l-Onorabbli Qorti ddikjarat:*
>
>> *'Madankollu, l-istqarrija ta' min iressaq l-eċċezzjoni ma għandhiex tkun kondizzjonata. Fil-każ tallum, wara s-silta miġjuba fis-sentenza appellata l-avukat Mamo kompla jixhed illi hu (f'isem HSBC) ma huwiex debitur "ta' dak l-invoice kollu kemm hu". Din il-kwalifika tat-tweġiba hija x'aktarx ambigwa: tista' tfisser li ma hu debitur xejn u tista' tfisser illi hu debitur mhux tal-invoice "kollu kemm hu" iżda ta' parti minnu.'*
>> *[Enfasi miżjuda]*
>
> *Illi hawnhekk is-soċjeta` esponenti tagħmel referenza għall-artikolu 2108 u 2109 tal- Kodiċi Civili li jgħidu s-segwenti:*
>
>> *'2108. (1) Ma tistax issir minn qabel rinunzja bil-quddiem għall-preskrizzjoni, lanqas ma jista' jiġi miftiehem għall-preskrizzjoni żmien itwal minn dak li hemm fil-liġi.*
>> *(2) Tista' ssir rinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.'*
>>
>> *2109. (1) Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita.*
>> *(2) Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat*
>
> *Illi għalhekk anke li kieku l-intimat appellat akkwista l-preskrizzjoni dan ma jfissirx illi huwa fl-istess hin ma rrinunzjax ghaliha a kawża tal-inkompatibilita' ta' kliemu stess. Del resto kif jghidu l-artikoli pre-ċitati l-preskrizzjoni akkwistata tista' tiġi rinunzjata mill-intimat appellat anke taċitament u dan anke jekk huwa jibqa' jinsisti li mhumiex debitur. Illi l-Onorabbli Qorti ta' Prim'Istanza ddikjarat illi peress illi l-pożizzjoni tal-konvenut f'dawn il-proċeduri kienet dejjem konsistenti 'fis-sens illi huwa dejjem ċaħad li għandu jagħti xi ħaġa'. Fl-umili sottomissjoni tal-esponenti dan ma jfissirx illi l-intimat appellat ma rrinunzja għall-preskrizzjoni.*
>
> *Dan partikolarment peress illi l-formula li titlob il-liġi biex tibqa tirnexxi l-preskrizzjoni hija li l-intimat jiddikjara li mhuwiex debitur u mhux li l-intimat appellat jagħti raġunijiet għal dan u jgħid li huwa ma għandux jagħti peress illi d-dejn ġia` tħallas u li l-loan in kwistjoni għadda fuq*

*persuna oħra.*

*Illi hawnhekk issir referenza ukoll għall-artikolu 2133 tal-Kodiċi Civili jgħid is- segwenti:*

> *'Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.'*

***Illi hawnhekk is-soċjeta` esponenti umilment tissottometti illi l-intimat appellat Renald Camilleri, minkejja l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni minnu mressqa, irrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni minnu invokata. Dan għamlu b'żewġ modi:***
***(I) Billi stqarr illi d-dejn mertu ta' din il-kawża kien ġie assunt mill-ex-għarusa tiegħu Sarah Aquilina Clews. Renald Camilleri fl-affidavit tiegħu tas-27 ta' Gunju, 2018 jgħid:***

*Fl-2007 jien kont hadt self minghand il-bank fl-imkien ma dik li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghi, Sarah Aquilina Clews, sabiex nixtru ziemel. Jekk niftakar sew dan kien ghal habta ta Frar 2007 u jien u Sarah Aquilina Clews infridna f'April 2007.*

*Hi kienet zammet iz-ziemel u s-self gie trasferit lilha bi qbil ma' Bank Manager-tal-Bank attur fil-feghra, dak iz-zmien tal-Valletta Waterfront."*

***Imbagħad f'risposta intavolata mill-intimat fil-5 ta' Frar, 2019 huwa ssottometta wkoll:***

> *'Illi barra minn hekk il-Bank huwa ben koxxjenti mill-fatt li meta sehhet l-assunzjoni tad-debitu da parti ta' Aquilina Clews, Pantallersco ma kienx il-Head tad-Dipartiment u ghalhekk ma jistghax jixhed fuq dan il-punt f'kull kaz'*

*U*

> *'Illi barra minn hekk il-konvenut jissottometti li l-Bank kellu jkun ben konsapevoli mill-involviment ta' Aquilina Clews mill-atti tiegħu stante li l-kuntratti relattivi saru mall-Bank attur"*

*Illi għalhekk hawnhekk Renald Camilleri rrikonoxxa d-debitu tiegħu mas-soċjeta`esponenti - debitu li qed jallega li ġie trasferit fuq ħaddieħor. Kif jigi sottomess iktar 'l isfel, Renald Camilleri ma ġab ebda prova illi d-dejn in kwistjoni verament ġie trasferit fuq Sarah Aquilina Clews. Dak li ħareġ biċ-ċar pero` huwa li Renald Camilleri qed jammetti u jirrikonoxxi illi huwa ha facilita` mill-Bank u għalhekk huwa qiegħed tacitament jirrinuzja għall-preskrizzjoni minnu eċċepita;*

*(II) Renald Camilleri jistqarr kemm-il darba illi huwa ħallas kull dejn illi huwa għandu mas-soċjeta` esponenti. Kif inhuwa ben risaput l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dik tal-hlas ta' dejn huma assolutament inkompatibbli. Billi Renald Camilleri jissottometti illi huwa ħallas id-dejn li kellu, huwa rrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni minnu invokata.*

*Huwa ma jistgħax, fl-umili sottomissjoni tal-esponent, jeċċepixxi l-preskrizzjoni mbagħad jghid:*

*- Fl-affidavit tieghu tas-27 ta' Gunju, 2018 :*

> *'Jien sincerament ma niftakarx wisq dettalji billi ghadda z-zmien u billi ma bqajtx Inzomm amment ta' xi haga li f'mohhi kienet maghluqa u mhallsa*

*U*

*- Fir-risposta preżentata mill-intimat fil-5 ta' Frar, 2019:*

> *'Illi l-konvenut jidhirlu li qabel xejn ghandu jishaq li hu dejjem iddikjara li hu hallas kull dejn li kellu jhallas u mghandu xejn iktar xi jhallas'*

*Illi hawnhekk l-intimat appellat jirrikonoxxi d-dejn li huwa għandu mas-soċjeta esponenti - Dejn, li s-soċjeta' esponenti pruvat li għadu ma thallasx. Issa jekk il-konvenut appellat qed jiddikjara li huwa hallas għandu jkun kapaċi jġib prova ta' dan il-ħlas. Prova li ma tezistix ghax il-ħlas ma sarx.*

*Di piu', tgħid l-esponenti, kif jista' l-intimat appellat jiddikjara illi huwa ħallas id-dejn li kellu, meta simultanjament qed jgħid illi huwa ma kellu ebda dejn u li jekk kellu d- dejn dan gie trasferit fuq Sarah Aquilina Clews? L-intimat appellat, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, jrid jagħżel verżjoni waħda.*

*Dan kollu jwassal biex Renald Camilleri kjarament irrinunzja għall-preskrizzjoni minnu invokata.*

*It-Troplong f'Commentaire sur la Prescription' (punt no 617) jgħid:*

> *'Qui agnoscit debitum sub his verbis, si probabitur deberi, eo probato non submovebit praescriptione agentem, quia ab eo tempore interrupta est quo debitum est agnitum Conditione enim agnitionis impleta per probationem ognitio para videtur fuisse ex die retroacta*
>
> *≤≤….≥≥*

*Illi di piu' l-ġurisprudenza nostrana, anke dik ċitata iktar 'il fuq, temfassiżża l-fatt illi huma assolutament inkompatibbli l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-għotja tar-raġuni illi d-dejn mhux dovut għaliex gia` tħallas.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet, **'C&F Building Contractors Limited vs. Kunsill Lokali Hamrun'**, Rikors Guramentat numru 618/2015 GM, deċiża fl-14 ta' Mejju, 2019, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili affermat :*

> *'Fi kliem l-Imħallef Philip Sciberras:*

*"... jinsab stabbilit pero` l-prinċipju illi għall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiza, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill- kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni. Ara Kollez. Vol. XXXVII.i.310:*

*omissis*

*"Fil-presenza tal-kondotta proċesswali assunta mill-appellanti, dan mhux biss ma baqax ankrat mal-presunzjoni kostitwenti din il-preskrizzjoni, kif kellu dritt jagħmel, talli spontanjament għadda 'l quddiem biex jasserixxi li hu kien issalda żmien qabel is-somma reklamata. Dan, għall-Qorti, ma jistax ħlief ifisser illi hu kien qed jirrikonoxxi l-eżistenza tas-somma reklamata b'dan li hu kien qed jinsisti li ħallasha.*

*"Fi kliem iehor mill-presunzjoni għadda għall-affermazzjoni tal-ħlas. Fil-ħsieb tal-Qorti tali atteġġjament hu inkompatibbli ma' dik il-volonta` fl-appellanti li javvalora ruhu mill-kawza estintiva ta' l-azzjoni bl-eccepita preskrizzjoni. Jingħad a propożitu mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (16 ta' Novembru 1980, Numru 5973) illi, il riconoscimento del diritto idoneo ad interrompere il decorso della prescrizione puo` essere anche tacito e consistere, quindi, comportamento incompatibile con la volonta` di disconoscere la pretesa del creditore.'*

*"Effettivament din il-Qorti tara fl-atteggjament assunt mill-appellanti fil-kors tal-process, u in partikolari fl-istess deposizzjoni tieghu, vera kontradizzjoni in kwantu mill-banda l-wahda jappilja mal-hlas prezuntiv li taghmel il-preskrizzjoni eccepita mentri minn naha l-ohra fix-xhieda tieghu jirrikonoxxi li l-kreditu ghalkemm jezisti, mhux dovut ghax hu kien issaldah. Intant huwa baqa' ma pproduca ebda prova ta' dan il-hlas bl-iskuza li ma zammx karti ghax kien ghadda bosta zmien; "[Maltacom pic vs Paul piscopo-Qorti tal-Appell, per Onor. Imh. --Philip Sciberras - 05.07.2006]*

*Illi hawn l-attriċi għandha ragun. L-eċċezzjoni tal-ħlas għas-saldu mhix kompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;'*
*[Enfasi miżjuda]*

20. L-appellant jargumenta illi la l-konvenut issottopona ruħhu għall-kontro-eżami mela allura rrinunzja għall-preskrizzjoni u dan għaliex iddikjara li mhux debitur u li ħallas id-dejn iżda ma preżenta l-ebda dokument. Il-Bank appellant iżid illi l-konvenut ma kellu l-ebda obbligu li jamplifika fuq ir-raġuni għaliex mhuwiex id-debitur tal-Bank konvenut iżda

la amplifika kellu jressaq prova u mhux jgħid li għadda wisq żmien u li ma jiftakarx. L-appellant jgħid ukoll illi permezz tal-provi mressqa minnu ssostanzja l-pretensjoni tiegħu fir-rigward tal-kreditu dovut lilu. Il-Bank jisħaq illi l-kwistjoni ta' Sarah Aquilina Clews ħarġet mill-affidavit tal-konvenut u ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni mressqa f'dan ir-rigward. Jisħaq li in linea mal-prinċipju *onus probandi incumbit ei cui dicit non ei cui negat*, la l-konvenut propona verżjoni ta' avvenimenti diversi u jerġa' jsostni li jekk l-konvenut allega li effetwa l-pagamenti relevanti mad-dejn, mela kellu jkun hu li jressaq il-provi.

21. **Il-Qorti tqis li fl-ementi tal-2017 l-artikolu 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili jimponi fuq eċċepjent l-obbligu li jagħti raġuni l-għala ma għandux jiġi meqjus bħala debitur:**

> *(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur,* ***din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.***

Madankollu dan is-subinċiż ma japplikax għal kaz quddiem il-Qorti billi hu limitat għal debiti li għalihom hemm referenża fil-proviso tal-artikolu 2156 ċioè ażżjonijiet għal ħlasijiet dwar ċnus, renti, lawdemji jew trasferimenti oħra ta' fondi enfitewtiċi, kif ukoll għal ażżjonijiet għal ħlas ta' kera ta' bini jew raba' u meta dawn il-ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta. Dan iwassal għal kweżit jekk il-fatt li l-konvenut ta raġuni għaliex ma hu dovut xejn lill-bank u mhux biss iddikjara li mhux debitur u ssottometta ruħu għal

kontroeżami jammontax għal ksur ta' dak li jrid il-ġurament deċiżorju u konsegwentement rinunżja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq il-kwistjoni. L-artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 li hu l-artikolu rilevanti għall-kwistjoni għamel tibdila radikali għal sitwazzjoni pre eżistenti fejn il-jedd tal-attur li jagħti l-gurament deċiżorju lill-konvenut inbidel għal obbligu impost fuq il-konvenut li jekk irid jinvoka l-preskrizzjoni tal-artikolu 2156 kellu jiġi maqgħud mal-ġurament waqt il-kawża li huwa mhux debitur. Il-liġi ma telaborax fuq il-forma li għandu jieħu l-gurament u ghalhekk jitqies li debitur jottempera ruħu ma' dak li trid il-ligi b'dikjarazzjoni ġuramentata sempliċi u xotta li hu mhux debitur tal-attur. Il-Qorti tqis illi dikjarazzjoni xotta minn kull raġuni jew spjegazjoni jew dikjarazzjoni ġuramentata li fiha tingħata raġuni għaliex mhux debitur anki jekk ma tkunx sostanżjata ma twassalx biex tnaqqas mill-konsegwenzi tal-ligi. Il-liġi ma ssemmi xejn u l-Qorti hi tal-fehma illi dak li għandu jittieħed kont hu jekk ir-raġuni mogħtija, jekk tingħata, tmurx għal rinunżja tal-preskrizzjoni eċċepita.

Dan l-argument hu msaħħaħ għaliex l-artikolu 2160(3) jimponi fuq id-debitur li jagħti raġuni għaliex ma hux debitur f'ċerti ċirkostanżi applikabbli kif ġia ngħad. Dan ifisser li l-gurament xorta jkollu saħħa anki jekk ir-raġuni mogħtija tista' ma tkunx sostanżjata. Jekk l-istess riga ma tiġix applikata fil-kazijiet taħt l-artikolu 2160(1) tista' tinħoloq possibiltà ta' konflitt fl-istess dispożizzjoni tal-liġi li żgur il-leġislatur ma riedx. F'kull każ

però l-Qorti tqis li ladarba l-konvenut qed jinvoka l-preskrizzjoni u qed jagħmel dikjarazzjoni li mhux debitur allura hu ammess li jsir kontroezami. Madankollu jekk bhal f'dan il-każ il-konvenut jelabora fuq id-dikjarazzjoni meħtieġa skont l-artikolu 2160(1) allura jkun qed jesponu ruħu għal kontroll akbar dwar dak li xehed biex titwaqqa' l-eċċeżżjoni tal-preskrizzjoni.

Għalhekk dak li għandu jiġi mistħarreġ hu jekk id-dikjarazzjoni u f'dan il-każ ir-raġunijiet mogħtija mid-debitur humiex tali li jxejnu l-eċċeżżjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li dan mhux il-kaz.

22. L-appellat b'mod konsistenti baqa' jinsisti illi huwa mhuwiex debitur tal-Bank of Valletta p.l.c. Hu xehed li kwalunkwe dejn li seta' kellu hu kien ġie mħallas. Jgħid ukoll li ma jiftakarx jekk tħallasx id-dejn kollu in kwistjoni għax jagħmel referenza għal dejn li allegatament għadda fuq l-*ex* maħbuba li kellu bil-kunsens tal-Bank. Kronoloġikament jghid hekk:

i. Ir-risposta ġuramentata[11] fejn ġie eċċepit illi l-ammonti mhumiex dovuti u li m'għandu xejn x'jagħti;

ii. L-affidavit tal-konvenut Camilleri[12] fejn l-appellat iddikjara illi:

> *<<.. 3. Fuq il-kawza ghandi nghid li l-ammonti mitluba mill-bank mhumiex dovuti u jien mghandi xejn x'naghtihom u li mhiniex debitur taghhom;*
>
> *4. Dan nghidu kemm a tenur ta' dak li jitlob l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili izda anki billi huwa fatt li jien mghandi xejn x naghtihom;*
>
> *5. Nghid ukoll li jien ili li tlaqt minn Malta ghal dawn l-ahhar tmien snin u qatt ma kont smajt xejn minghand il-Bank of Valletta;*

[11] *Fol.23*
[12] *Fol. 45 et. seq.*

*6. Barra minn dokumentazzjoni relattiva ghal bank mgħadiex ghandi billi din kienet baqghet fid-dar t'ommi u kienu ddisponu minnha nilli ma koien hemm xejn partikolari dwarha;*

*7. Dwar il-fatti, mill-memorja niftakar dan li gej. Nghid li huwa difficli ghalija li niftakar kollox billi ghadda hafna zmien u kif spjegajt mghandiex karti;*

*8. Fl-2007 jien kont hadt self minghand il-bank fl-imkien ma dik li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghi, Sarah Aquilina Clews, sabiex nixtru ziemel;*

*9. Jekk niftkar sew dan kien għal habta ta Frar 2007 u jien u Sarah Aqulina Clews infridna f'April 2007;*

*10. Hi kienet zammet iz-ziemel u s-self gie trasferit lilha bi qbil ma' Bank Manager tal-Bank attur fil-feghra, dak iz-zmien tal-Valletta Waterfront;*

*11. Nghid li kull debitu li jien kelli, kienx self jew dwar karti ta' kreditu kien debitament imhallas. Kelli xi kontijiet li kont nuza sa l-2007 u li ma bqajtx nuza minn dak iz-zmien;*

*12. Jien sincerament ma niftakarx wisq dettalji billi ghadda z-zmien u billi ma bqajtx inzomm amment ta' xi haga li f'mohhi kienet maghluqa u mhallsa;*

*13. Fil-fatt ma nistghax nifhem kif il-bank hareg b'din l-istorja u b'dawn l-allegazzjonijet issa, bazikament ghaxar snin wara li kollox kien gie maghluq;*

*14. Nghid ukoll l il-ftit informazzjoni generika li pprovda l-bank f'din il-kawza ma ghenet fl-ebda mod sabiex jien inkun nista nifhem kif, 10 snin wara l-akkadut, huma qeghdin jargumentaw li jien ghad ghandu flus x'naghtihom, billi fil-fatt jien ma nafhom xejn.*

iii.Xhieda viva voce tal-konvenut appellat[13]:

*<<….Xhud : Skont kif ghidt fl-affidavit jiena bazikament ilni li tlaqt minn Malta iktar minn tmien snin, m'ghandi l-ebda dejn mal-bank assolutament xejn, sfortunatament dokumenti m'ghandix ghax tant ghaddha daqshekk zmien u ma kellhix xejn partikolarment dwar dawn id-dokumenti li ma zammejtx li kienu baqghu fid-dar ta' ommi u ma zammejtx kopja taghhom. Bazikament dak huwa l-fatti li ghandi xi nghid jiena dwar din il-kawza li nfethet kontrija u bazikament wara dan iz-zmien kollhu jiena dokumenti m'ghandix biex nirreferi u nerga' nirrepeti dejn lejn il-bank m'ghandix.*
*……*
*Xhud:* ***Bazikament jiena niftakar li kellhi loan mal-bank jiena l-loan hallastu mal-bank****. Kif ghidt ukoll fl-affidavit tieghi kien hemm loan li ttiehed fit-2007 ma dak iz-zmien li kienet il-fiancée tieghi, dak il-loan inqghaleb f'isimha mal-qbil mal-bank manager u kont hemmhekk prezenti jien ghalih, filfatt iz-ziemel li kien registrat inqghaleb ghax kien f'ismi u f'isimha, inqghaleb biss ma' l-MRC wara li nqghaleb il-loan.*
*…*

[13] *Fol.59 et seq.*

*Dr. Dominic Cassar: Int ghidtilna li m'ghandek taghti xejn lill-bank imbaghad ghidtilna wkoll li l-kont kien thallas. Hekk hu li l-kont thallas mal-bank?*

*Xhud: Hekk hu.*

*Dr. Dominic Cassar: Int kif taf li thallas?*

*Xhud: Ghax thallas personalment.*

*Dr. Dominic Cassar: Il-kont li kellhek inti mal-bank kif thallas? Thallas ghax, x'qed tghidilna, int hallastu jew Sarah Aquilina Cruise?*

*Xhud: Mela jien qed nghid zewg affarijiet. Il-kont li kien hemm fuq il-loan taz-ziemel inqghaleb f'isem Sarah Aquilina Cruise u l-liability ta' dak il-kont kien f'isimha, ma kienx f'ismi.*

*Dr. Dominic Cassar: Thallas minnek il-kont jew minnha?*

*Xhud: Ma nahsibx li nista' nirrispondi dik id-domanda ghaliex il-kont inqaghleb f'isem haddiehor, il-loan ma kienx ghadu f'ismi, ma kienx responsabbilita' tieghi.*

*Dr. Dominic Cassar: La darba nqghaleb, karti ta dan u dawn l-affarijiet ghandek?*

*Xhud: Ga ghidt li sfortunatament peress li ma kien hemm xejn dwar il-kontijiet li jiena kellhi mal-bank, karti kienu baqghu wara li jiena tlaqt minn Malta fir-residenza ta' ommi u gew disposed wara certu zmien ghax ma kien hemm partikolarment xejn.*

…
*Dr. Dominic Cassar: Jigifieri ara jekk hux qed nifhem sew. Int qed tghid hallast ghaliex il-kont skont inti assumietu Sarah hux hekk, id-dejn assumietu Sarah u int hlist minn mal-bank. Hekk qed tipprova tghid?*

*Xhud : Jien qed nirrepeti. Il-kont inqaghleb f'isem, il-loan f'isem Sarah Aquilina Cruise issa once li l-loan inqaghleb jien m'ghandi l-eba liability towards that loan.*

*Dr. Dominic Cassar : U nqaghleb fit-2007 ukoll?*

*Xhud : Korrett. Bejn April u forsi l-1 ta' Mejju tat-2007. Ahna nfridna mill-memorja x'imkien fil-bidu ta' April.*

23. **Isegwi illi l-aggravju tal-appellant ma tistax tirnexxi sempliċiment għaliex il-kovenut ta raġuni l-għala huwa mhuwiex id-debitur. Anqas jista' jreġġi l-argument illi la ssottometta ruħu għall-kontroeżami huwa rrinunzja għall-jedd tal-preskrizzjoni. F'din ix-**

**xhieda ma hemm xejn li jagħti lok għal prova li hemm xi rinunżja anżi x-xhieda ġuramentata tal-ħlas u li ma hu dovut xejn mhux inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għal kull pretensjoni ventilata mill-Bank. Il-bank ma ġab ebda prova li turi li dak li xehed il-konvenut mhux minnu b'tali mod li twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għax mhux kompatibbli mal-ġurament deċiżorju.**

24. Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-Bank appellant li jisħaq illi l-konvenut kellu jinformah meta telaq mill-pajjiż u mhux għamel snin jevadi l-ammonti dovuti, dan l-ilment ma huwa ser ibiddel xejn mill-kwistjoni legali li ġiet kunsidrata mill-Qorti u konsegwentement din il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Spejjeż kemm tal-ewwel istanza u tal-appell għandhom jiġu sopportati mill-Bank rikorrent.

| Mark Chetcuti | Robert G. Mangion | Grazio Mercieca |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss